## 8 ta' Marzu, 1989

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Joseph Cini

*versus*

Carmelo Borg

**Klawsola Penali – Danni – Obbligazzjoni – Mora**

*L-attur fittex għall-penali stipulata fil-kuntratt għall-esekuzzjoni tardiva. Klawsola penali hija dik li biha wieħed sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa f'każ li jonqsu li jesegwixxi u l-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni prinċipali u jista' jintalab apparti d-danni reali li seta' jkun sofra l-kreditur meta l-penali tkun għal dewmien biss. Meta l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħmel xi ħaġa bħal ma hu l-każ in eżami u bil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien.*

*Il-Qorti konsegwentement ikkundannat lill-konvenut iħallas il-penali.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt ta' appalt tal-25 ta' Marzu, 1981, il-konvenuti solidalment obbligaw ruħhom li jibnu Villa fil-Mosta għall-attur versu l-prezzijiet u bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm pattwiti, fosthom li l-konvenuti solidalment jinkorru penali ta' għaxar liri (Lm10) kuljum bħala penali dekorribbli mill-1 ta' Lulju, 1981

f'każ illi jonqsu li jikkompletaw ix-xogħol ta' bini miftiehem; illi l-konvenuti naqsu li jagħmlu x-xogħol miftiehem, illi b'ċitazzjoni *(Numru 862/81) fl-ismijiet "Joseph Cini vs Carmelo* Borg et", l-istanti talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu, fost affarijiet oħra, penali ta' Lm10 kuljum sa' l-24 ta' Awissu, 1981, ammontanti għal Lm550, u b'sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1984, din it-talba ta' l-attur ġiet milqugħa, illi bi skrittura oħra tal-31 ta' Marzu, *1983, il-partijiet xoljew* l-imsemmi appalt b'effett mill-istess data, "b'dana illi l-penali ta' Lm10 kuljum dekorribbli mill-1 ta' Lulju, 1981, u miftehma bl-iskrittura preċedenti tibqa' impreġudikata b'dan illi jekk il-Qorti tiddeċidi illi s-sid huwa intitolat għall-penali mingħand *il-kuntratturi, dina tiġi* kkalkolata bħala massimu sal-31 ta' Marzu, 1983"; u peress illi l-konvenuti interpellati jħallsu s-somma ta' Lm5820, penali ta' 582 ġurnata bir-rata ta' Lm10 kull ġurnata għall-perijodu bejn il-25 ta' Awissu, 1981 u 31 ta' Marzu, 1983; talab illi l-konvenuti, għar-raġunijiet premessi, jiġu solidalment ikkundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm5820 in linea ta' penali għall-perijodu bejn il-25 ta' Awissu 1981 u l-31 ta' Marzu, 1983. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Ottubru, 1983 u tal-15 ta' Lulju, 1985, u bl-imgħax legali mill-1 ta' April, 1983, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Claudio Micallef, li biha qal:

Illi fil-mertu l-konvenuti m'għandhom jagħtu xejn lill-attur. Inoltre, id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante *illi l-konvenuti ma jistgħux jiġu kkundannati jħallsu* a tenur ta' l-iskrittura tal-25 ta' Marzu, 1981 penali, meta huma ġà ġew ikkundannati jħallsu danni llikwidati ta' Lm450, oltre penali ta' Lm550 b'sentenza ta' din il-Qorti;

*Omissis;*

Illi bi skrittura privata tal-25 ta' Marzu, 1981 (li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 7/8 tal-proċess) l-attur inkariga lill-konvenuti (li dehru fuq l-istess skrittura solidalment) biex jibnulu villa ta' sular wieħed fi New Street off tal-Wej Road, il-Mosta, bil-prezzijiet u kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura. Fost dawn il-kondizzjonijiet kien hemm stipulat li l-konvenuti kellhom jibdew ix-xogħol ta' pedamenti fl-1 ta' April, 1981, u x-xogħol kollu kellu jkun kompletat skond il-pjanta ta' A.I.C. Lawrence Gatt sal-15 ta' Ġunju, 1981. Fuq l-istess skrittura l-konvenuti kienu ntrabtu li jħallsu lill-attur, bħala appaltant, għas-saldu ta' danni minnu allura pretiżi s-somma ta' Lm450. Ġie miftiehem inoltre li kellha tgħaddi penali ta' Lm10 kuljum mill-1 ta' Lulju, 1981, f'każ illi x-xogħol kollu miftiehem ma jkunx ikkompletat mill-kuntratturi;

Billi l-konvenuti mhux biss ma lestewx ix-xogħol fiż-żmien miftiehem, talli sa l-24 ta' Awissu, 1981, huwa kienu għamlu biss ġurnata waħda valida ta' xogħol biex ħafru trinek tal-pedamenti, u għalhekk l-attur għamel kawża kontra l-konvenuti li biha talab il-ħlas ta' l-ammont iffissat bħala danni ta' Lm450 kif hawn fuq spjegat, u talab ukoll li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh in linea ta' penali s-somma ta' Lm550 għall-perijodu ta' 55 ġurnata li huma kienu diġà in ritard (mill-1 ta' Lulju sa l-24 ta' Awissu, 1981). Din il-kawża ġiet deċiża fid-19 ta' Ġunju, 1984, b'eżitu favorevoli għall-attur; u baqgħu wkoll lilu riservati kull ammont ieħor inkluża l-penali li tista' tkun dovuta lill-attur fil-futur;

Sussegwentement, fil-31 ta' Marzu, 1983, il-partijiet reġgħu għamlu skrittura oħra (kopja tagħha esebita a fol. 13/14 tal-

proċess), li permezz tagħha fost affarijiet oħra, waqqgħu l-appalt li kien ġie mogħti mill-attur lill-konvenuti bl-iskrittura tal-25 ta' Marzu, 1981, hawn fuq imsemmija, però dan sar mingħajr preġudizzju għas-somma ta' Lm450 dovuti mill-konvenuti bħala danni kif hawn fuq spjegat, u illi "l-penali ta' Lm10 kull ġurnata dekorribbli mill-1 ta' Lulju, 1981, ikkontemplata fl-imsemmija skrittura (i.e. dik tal-25 ta' Marzu, 1981) tibqa' impreġudikata b'dan illi jekk il-Qorti tiddeċidi illi s-sid (i.e. l-attur) huwa intitolat għall-penali mingħand il-kuntratturi (i.e. il-konvenuti), dina tiġi kkalkolata bħala massimu sal-lum" (i.e. sal-31 ta' Marzu, 1983). Intant, bl-iskrittura tal-31 ta' Marzu, 1983, l-appalt ġie xolt "mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kull parti u tal-pretensjoni tagħhom";

Illi l-klawsola plenali hija dik li biha wieħed, sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa fil-każ li jonqos li jesegwih (art. 1118 tal-Kodiċi Ċivili); u l-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' *l-obbligazzjoni prinċipali* (art. 1120 Kodiċi msemmi) u jista' jintalab apparti d-danni reali li seta' jkun sofra l-kreditur, meta l-penali tkun għal dewmien biss (kif inhu fil-każ in eżami). Issa, għal dak li huwa applikabbli għall-fattispecie tal-każ in eżami, (meta l-obbligazzjoni prinċipali kienet il-kostruzzjoni ta' Villa), id-debitur (f'dan il-każ il-konvenuti) jaqa' fil-penali meta jsir ħati ta' dewmien (art. 1121(3) Kodiċi msemmi), u dana skond ma jingħad fl-artikolu 1130. Issa, skond l-artikolu tal-liġi msemmi l-aħħar, f'każ li l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħmel xi ħaġa (bħal ma hu l-każ in eżami), u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed *in mora* bl-għeluq biss ta' dak iż-żmien (f'dan il-każ mill-1 ta' Lulju, 1981);

Illi l-attur, b'din l-istanza qiegħed jitlob il-ħlas ta' penali għall-perijodu mill-25 ta' Awissu, 1981 sal-31 ta' Marzu, 1983, (i.e. 584 *days)*, u dana bir-rata stabbilita ta' Lm10 għal kull ġurnata li fiha l-konvenuti kienu jinsabu *in mora;*

Illi mill-premess jitnissel li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Borg u Micallef huma insostenibbli. Invece, it-talba ta' l-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata. Infatti, fl-iskrittura tal-31 ta' Marzu, 1983 (li ġiet esegwita fil-mori tal-kawża fl-istess ismijiet deċiża minn din il-Qorti, kif hawn fuq intqal, fid-19 ta' Ġunju, 1984), kull parti żammet impreġudikati l-pretensjonijiet tagħha minkejja li kienu qed ixolju l-appalt għall-kostruzzjoni tal-villa in kwistjoni), u l-konvenuti kienu allura diġà jinstabu *in mora* u nkorrew il-penali. Inoltre fis-sentenza tagħha hawn fuq imsemmija l-Qorti ddeċidiet fuq penali sa l-24 ta' Awissu, 1981, b'riserva għal penali ulterjuri li għalihom l-attur seta' kien intitolat;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo Borg u Claudio Micallef; tastjieni milli tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront tal-konvenut Mario Delicata stante li l-attur ċeda l-kawża fil-konfront ta' dan il-konvenut; u fl-aħħarnett tikkundanna lill-konvenuti l-oħra, jiġifieri lil Carmelo Borg u Claudio Micallef, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-attur is-somma hawn fuq imsemmija ta' Lm5820 bl-imgħax legali mill-1 ta' April, 1983, u bl-ispejjeż kollha – salvi kull dritt ta' rimbors li dawn il-konvenuti jista' għandhom kontra l-konvenut l-ieħor Mario Delicata.